**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tad-09 ta' April, 2019**

**Talba Numru: 520/2018 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 02.**

**Keith Craven (Passaport Ingliz 801682878),**

**Amir Ehsan Hosseini (Passaport Irlandiz PT5367524) u**

**Adrian Shaw (MT9281549)**

**Flat 3, El Major Residence,**

**Triq Nazju Ellul,**

**Gzira**

**Vs**

**Jacob Bonnici Decesare**

**Milner Grove, Azure Flat 11,**

**Triq Ghar id-Dud,**

**Sliema**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mill-atturi fit-02 ta' Novembru, 2018 li permezz taghha talbu li l-konvenut jigi ordnat ihallashom is-somma ta' seba' mija u wiehed u sittin ewro u hamsa u tletin centezmu (€761.35c) bhala sehmu tal-ispejjez tal-kawza li saret quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fi rikors numru 44/18 fl-ismijiet: Johanna Petreski vs Amir Ehsan Hosseini et.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bl-Avviz tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-atturi u l-fatt li konvenut naqas li jidher biex jirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Sema' fis-seduta tal-lum lil wiehed mill-atturi jikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut mill-konvenut.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-atturi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u wiehed u sittin ewro u hamsa u tletin centezmu (€761.35c) bl-imghax legali mid-data tal-avviz tat-talba sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjeż a karigu tal-konvenut.

**Dr. Anna Mallia**
**Gudikatur**